

31970R0538

L 67/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.3.1970

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 538/70 TAL-KUMMISSJONI**tat-23 ta' Marzu****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 315/68 fir-rigward tad-daqs ta' *anemone coronaria***

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68⁽¹⁾ tas-27 ta' Frar 1968 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq f'siġar ħajjin u pjanti oħrajn, basal, egħruq u affarijiet ta' din ix-xorta, fjuri maqtugħin u weraq ornamental, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu;

Billi l-esperimenti li saru minn stazzjon ta' sperimentazzjoni wrew iġli bil-mezzi ta' teknika tal-produzzjoni preżenti *anemone coronaria* ta' kwalita tajba tista' tinkiseb minn basal ta' pjanti ta' daqs iżgħar minn dawk stabbiliti fl-istandards komuni ta' kwalità; billi, għaldaqstant, dawk l-istandards għandhom jiġu aġġustati;

Billi l-miżuri msemmijin stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Pjanti Ħajjin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-Tabella li tidher fit-Taqsima III ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 315/68, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 448/69,⁽²⁾ it-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiġi sostitwit bit-test li jirreferi għal "*anemone coronaria*".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Marzu 1970.

Għall Kummissjoni

Il-President

Jean REY

ANNEX

Deskrizzjoni botanika tal-prodott	Metodu ta' gradazzjoni	Daqs minimu	Gradazzjoni tad-daqs
<i>Anémone coronaria</i>	A, B, C	2cm	2-3; 3-4; 4-5; 5-6; 6-7; 7-8; 8 u aktar

⁽¹⁾ ĠU L 55, 2.3.1968, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 61, 12.3.1969, p. 1.